MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 553/2003

**Victor u Adriana Felice**

**vs**

**Anthony Muscat u Mary Muscat u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2011 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Intex Hosiery Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi datata 5 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn esponew-

Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond numru mija u wiehed u tletin (131), Triq is-Salib, il-Marsa, li ghandu n-numru tieghu mal-bieb ta' barra li jaghti ghat-triq.

Illi fil-kuntratt tal-akkwist tal-atturi u f'dawk tal-awturi taghhom il-fond huwa dejjem deskritt bhala numru mija u wiehed u tletin (131), Triq is-Salib, il-Marsa, liberu u frank minn kull hlas ta' cens u piz, bid-drittijiet u l-gustijiet tieghu kollha.

Illi kull pussessur legittimu ta' dan il-fond ghal zmien aktar minn dawn l-ahhar tletin sena kien dejjem jippretendi illi dan il-fond jinkorpora dak kollu li hemm mit-triq 'il gewwa, u dan jinkludi d-dahla jew entratura jew passagg li hemm 'il gewwa mill-bieb u li kienu jghaddu minnha l-bdiewa sabiex jaslu ghall-ghelieqi fuq wara tal-fond li flokom illum hemm triq.

Illi kemm qabel kif ukoll meta nfethet it-triq kull min inqeda b'din id-dahla/entratura/passagg ghamel hekk b'semplici tolleranza.

Illi l-konvenuti jippossjedu zewgt ikmamar f' parti mill-fond in kwistjoni fejn il-bieb li jaghti ghad-dahla/entratura/passagg tal-fond numru 131 tal-atturi huwa mmarkat 'X'.

Illi l-bieb li jaghti ghall-kmamar immarkati bl-'X' tal-konvenuti ghad-dahla/entratura/passagg tal-fond numru 131 tal-atturi kien jintuza (dejjem b'tolleranza) meta l-inkwilin tal-fond tal-atturi u l-pussessur tal-kmamar immarkati bl-'X', illum fil-pussess tal-konvenuti, kienu qraba u ezattament haten l-inkwilina tal-fond numru 131.

Illi l-konvenuti qeghdin jivvantaw drittijiet fuq id-dahla/entratura/passagg tal-fond tal-atturi, tant illi bnew kamra tal-fniek li taghti ghat-triq pubblika u qeghdin ukoll jippretendu illi jiddettaw lill-atturi meta u kif ghandhom jinqdew b' din id-dahla/entratura/passagg.

Illi l-konvenuti baqghu jimmolestaw lill-atturi fil-pussess pacifiku u tgawdija ta' hwejjighom ukoll wara l-ittra ufficjali mibghuta lilu fl-14 ta' Novembru 2002.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-fond numru mija u wiehed u tletin (131), Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa, proprjeta` tal-atturi, jinkorpora fih id-dahla/entratura/passagg li hemm wara l-bieb ta’ barra.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti ma ghandhom ebda dritt illi jinqdew bid-dahla/entratura/passagg tal-fond tal-atturi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju huma jizgombraw mid-dahla/entratura/passagg tal-fond tal-atturi u jrodduha f’kollox lill-atturi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju huma jnehhu kull ma ghamlu fid-dahla/entratura/passagg tal-fond tal-atturi u jqieghduha fl-istat li kienet qabel; u

5. Fin-nuqqas tal-konvenut li jaghmlu dak li tordnalhom il-Qorti skont it-tielet u r-raba’ talbiet fiz-zmien li jinghatilhom, tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghol mehtiega a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 34 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 30 ta’ Gunju 2003 a fol 40 tal-process fejn ecceppew: -

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, l-art in kwistjoni li l-atturi qeghdin isejhu dahla-entratura-passagg hija proprjeta` tal-konvenut.

2. Illi a bazi ta’ dan it-titolu ta’ proprjeta`, il-konvenuti kellhom ukoll il-permess ta’ din il-proprjeta`, u dan mhux b’ tolleranza kif jallegaw l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 41 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2004, il-Qorti, fuq talba tal-atturi, innominat lil Joseph Ellul Vincenti bhala Perit Tekniku a spejjez provizorjament tal-atturi.

Rat in-nota ta’ Victor Felice datata 26 ta’ Jannar 2004 a fol 45 tal-process li biha esebixxa zewg affidavits.

Rat in-nota tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti datata 20 ta’ Mejju 2004 a fol 80 tal-process fejn talab li jigi nominat Perit Legali; u l-Qorti kif diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ordnat il-komunika tal-istess lid-difensur tal-kontro-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-22 ta’ Frar 2006 (fol 201) fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-kawza qed tinstema’ mill-Perit Legali Dr. Edwina Grima, assistita mill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti. Il-Qorti ordnat lill-Periti biex jifissaw l-ahhar zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti, tali seduti jinzammu b’ordni tal-Qorti u biex jinzamm access fuq il-post, kollox fil-mori, u wara jghaddu ghar-rapport. Aktar tard dehret Dr. Edwina Grima li hadet konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Rat ir-rikors ta’ Victor Felice et datata 8 ta’ Novembru 2006 a fol 207 tal-process fejn talbu lill-Qorti sabiex tordna l-isfilz tal-affidavit ta’ Gaetano Muscat mill-atti tal-kawza; u l-Qorti ordnat in-notifika ghar-risposta lill-kontro-parti; rat ir-risposta; rat id-digriet moghti fit-23 ta’ Novembru 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz tal-affidavit ta’ Gaetano Muscat mahluf fis-6 ta’ Dicembru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Marzu 2007 fejn il-Qorti irrevokat l-inkarigu ta' Dr. Edwin Grima bhala Perit Legali *stante* li l-istess giet elevata ghall-Magistratura u nnominat minflokha lil Dr. Richard Sladden, salv il-hlas tad-drittijiet spettanti lilha. Dr. Victor Scerri nforma lill-Qorti li l-partijiet kienu ghalqu l-provi u talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti. Il-Qorti giet informata li l-atturi ghazlu li ma jaghmlux nota ta' osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat- 12 ta' Gunju 2007.

Rat in-nota tal-atturi datata 8 ta' Marzu 2007 a fol 223 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Anthony Muscat et datata 28 ta' Marzu 2007 a fol 228 tal-process.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Richard Sladden ipprezentat fir-registru fit-8 ta' Jannar 2009 mahlufa fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011 a fol 265 tal-process.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentat fir-registru fit-8 ta' Jannar 2009 u mahlufa fis-seduta tas-17 ta' Frar 2001 a fol 293 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Victor Scerri ghall-konvenut u Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-attur prezenti li irrimetta ruhu ghar-rapport. Dr. Scerri talab li jaghmel eskussjoni tal-Perit Legali. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet tletin (30) gurnata sabiex isiru l-istess domandi in eskuzzjoni bil-miktub bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti u lill-Perit Legali, li inghata terminu ta' ghoxrin (20) gurnata zmien biex jirrispondi ghall-istess bil-miktub. Il-kawza baqghet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 3 ta' Gunju 2011 a fol 304 tal-process fejn talab il-kjamat fil-kawza tas-socjeta` Intex Hosiery Limited; u l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti

jew lid-difensur taghha bi zmien sebat ijiem (7) ghar-risposta; rat ir-risposta tal-5 ta' Lulju 2011; u l-Qorti, bid-digriet taghha tat-12 ta' Lulju 2011 laqghet it-talba u ordnat l-kjamat in kawza tas-socjeta` Intex Hosiery Limited, b'dan li ordnat li l-istess socjeta' kjamata in kawza tigi wkoll notifika bl-istess digriet flimkien mac-citazzjoni attrici b'dan li s-socjeta' kjamat in kawza inghatat terminu ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-rikors ta' Raymond Cassar Torregiani ghan-nom u in rappresentanza tal-Kumpanija Intex Hosiery Limited datat 24 ta' Novembru 2011 a fol (320) tal-process fejn talab li l-Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti sabiex tipprezenta risposta guramentata taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'sebat ijiem (7) zmien ghar-risposta; rat ir-risposta u d-digriet taghha fejn ordnat lis-socjeta` kjamata in kawza/rikorrenti tipprezenta fi zmien ghaxart ijiem (10) l-affidavit in sostenn tat-talba taghha, bin-notifika/visto lid-difensuri rispettivi tal-kontro-parti li nghataw ghaxart ijiem (10) zmien mid-data tan-notifika sabiex jipprezentaw affidavit responsiv u l-Qorti appuntat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzjarju sabiex wara tali terminu jiffissa seduta ghall-kontro-ezamijiet relattivi jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota ta' Raymond Cassar Torregiani datata 13 ta' Jannar 2012 a fol. 327 tal-process li biha esebixxa affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' Marzu 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta inkluz il-verbal tal-14 ta' Gunju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-attur prezenti u Dr. Peter Borg Costanzi ghall-kjamat in kawza. Id-difensuri tal-partijiet prezenti trattaw il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tas-

socjeta’ kjamata fil-kawza u il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar dan il-punt ta’ gustifikazzjoni tal-kontumacja fil-konfront tas-socjeta` Intex Hosiery ghas-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2012.

Rat in-nota ta’ Intex Hoisiery Limited datata 18 ta’ Gunju 2012 a fol 333 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni dwar it-talba tas-socjeta’ kjamata fil-kawza Intex Hosiery Limited sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha peress li jidher li giet notifikata bic-citazzjoni attrici fl-20 ta’ Ottubru 2011 ( a tergo fol. 313) billi l-inkartament inghata lill Jonathan Cassar Torregiani f’Torcas House, Belt il-Hazina Road, Road, Marsa, u dan gie moghti lill Raymond Cassar Torreggiani li haseb li kienu dokumenti mill-Qorti sabiex jerga’ jixhed fil-kawza u ma ttendiex li huwa kellhu jirrispondi b’risposta guramentata; kien biss wara li ltaqa’ mal-konvenut Anthony Muscat fit-18 ta’ Novembru 2011 u dan qallu bil-karti li kien ircieva mill-Qorti, u wara li kkomunikaw mal-avukat ta’ Muscat sar jaf li kellhu jirrispondi ghall-istess. Huwa kellem lill-Avukat u dan informah li fil-fatt hekk huwa pero’ huwa kellhu jkun notifikat ukoll bid-digriet fejn giet milqugha t-talba sabiex ikun il-kjamata il-kawza tal-istess socjeta’ – izda kull ma ircieva kien biss kopja tac-citazzjoni, tad-Dok. “FV 1” u Dok. “FV 2” u l-avviz li jghid li l-kawza ser tinstema’ fis-7 ta’ Frar 2012 quddiem l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Illi fil-fatt jirrizulta fl-ewwel lok li d-digriet moghti lill din il-Qorti datat 12 ta’ Lulju 2011 fejn giet ordnata l-kjamata in

kawza tas-socjeta' rikorrenti u fejn giet ordnat li l-atti kollha relattivi jigu notifikati lill-istess socjeta' kjamata fil-kawza, inkluz id-digriet stess li jghid li l-istess socjeta' inghatat terminu ta' 20 gurnata minn notifika tal-istess atti biex tirrispondi, baqa' mhux notifikat u allura kull ma irceviet l-istess socjeta' kienet l-att tac-citazzjoni u dokumenti ohra li effettivament ma kienux indirizzati lilha hlief presumibilment li fuq l-att tac-citazzjoni kien hemm miktub *"u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2011 giet kjamata fil-kawza is-socjeta' Intex Hosiery Limited"* izda l-premessi tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni ma jirreferux naturalment ghaliha.

Illi huwa veru li hemm l-avviz li jghid li kull minn jircievi l-att tac-citazzhoni ghandu jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien 20 gurnata mid-data tan-notifika, izda xorta jibqa' l-fatt li la darba l-inkartament ma jirreferix ghall kjamata fil-kawza, mhux facli ghall persuni mhux midhla tal-proceduri legali li jifhmu li dan qed jirreferi wkoll ghall kjamata in kawza, u kien ghalhekk li din il-Qorti orndat li d-digriet fejn ordnat il-kjamata fil-kawza u tat lill-istess zmien ta' 20 gurnata sabiex mid-data tan-notifika tipprezenta risposta guramentata jigi wkoll notifikat u dan sabiex jigi eleminat dan l-ekwivoku. Minkejja din l-ordni dan ma sarx u jidher ukoll li kien hemm zball fl-avviz tas-smiegh tal-kawza dwar min kien qed jippresjedi din il-Qorti. Dan qed jigi ndikat sabiex jintwera kif saru f'dan il-kaz l-affarijiet u sfortunatament dan ma huwiex kaz isolat u certament li ma ghandhux issir.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tifhem il-perplessita' tas-socjeta' rikorrenti odjerni u ta' Raymond Cassar Torregiani in partikolari li ma fehemx li bhala socjeta' kellhu jirrispondi ghall-istess, u dan jiggrava ruhhu anke minhabba l-eta' tieghu' kif sar jaf tramite l-konvenut Anthony Muscat li huwa kellhu jirrispondi huwa mill-ewwel kellem lill-avukat tieghu u fil-fatt meta dan qallu li z-zmien biex jirrispondi kien skada, huwa prezenta rikors opportun sabiex is-socjeta' rikorrenti tiggustifika l-kontumacja taghha.

Illi f'dan il-kaz japplikaw il-principji enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet **"Gasan Mamo Insurance Limited vs Allfreight Limited et"** (P.A. (NC) – 26 ta' Jannar 2005) fejn inghad li:-

*"Jigi osservat li huwa minnu li l-gurisprudenza interprettativa hija fis-sens li l-izball ma hux impediment legittimu jekk dan ma jkunx zball invincibbli ghax jekk ikun invincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; izda fil-kaz odjern, dak li gara wara li l-Avukat tal-kumpanija spjega lill-istess Simon Bajada bl-istat tal-kjamata in kawza tal-kumpanija f'dawn il-proceduri, jeskludi dik il-kolpa li ghandha twassal ghal misura punittiva konsegwenzjali ghall-istat ta' kontumacja li timporta deroga mill-principju audi alteram partem, billi ma thallix lill-kjamata fil-kawza tipprezenta r-ragunijiet bil-mitkub".*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u fic-cirkostanzi u l-fattispecie tal-kaz odjern jidher li l-agir tas-socjeta' kjamata fil-kawza ma kienx wiehed li jindika disubbidjenza ghall ordni tal-Qorti indocilita' tas-suggett tad-dritt ghar-rikjam ta' organi gudizzjarji; renitenza ghal dak li huwa obbligatorju, u allura arroganza tal-konvenut fil-konfront tal-ordinament tal-proceduri gudizzjarji u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz prezenti s-socjeta' kjamata fil-kawza ggustifikat il-kontumacja taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta ta' Victor Felice et datata 16 ta' Dicembru 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u filwaqt li tinnota li l-konvenuti Anthony Muscat fir-risposta taghhom datata 14 ta' Dicembru 2011 ma oggezzjonawx ghat-talba tas-socjeta' kjamata in kawza fir-rikors taghha datat 24 ta' Novembru 2011, **tilqa' t-talba tas-socjeta' kjamata in kawza Intex Hosiery Limited fir-rikors taghha datat 24 ta' Novembru 2012 u tiddikjara li hija ggustifikat l-kontumacja taghha u qed tinghata zmien ta' ghoxrin**

**(20) gurnata millum sabiex tipprezenta risposta guramentata bin-notifika lill-partijiet l-ohra fil-kawza.**

**Stante in natura tal-kaz l-ispejjez ta' din id-decizjoni huma a karigu tas-socjeta' kjamata fil-kawza Intex Hosiery Limited.**

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Ottubru 2012**

**Melissa Galea**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Ottubru 2012**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------